MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 592/1993/3

**Anton Grima**

**-vs-**

**Anthony Fenech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Francesco Fenech Ltd"**

**Il-Qorti :**

**Rat** ic-citazzjoni presentata fil-11 ta' Mejju 1993 fil-Qorti tal-Kummerc li tghid hekk:

" Peress illi l-attur xtara madum minghand il-konvenut nomine b'kuntratt datat 15 ta' Lulju 1989 liema madum gie konsenjat ftit wara ;

Peress illi ricentement hargu difetti fil-madum li ma kienux jidhru meta nxtara ;

Peress illi wkoll dan il-madum m'huwiex tal-kwalita' li ftiehem l-attur ;

Peress illi konvenut nomine interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghal dawn il-lanjanzi baqa' inadempjenti ;

Ighid ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti -

1. Tiddikjara illi l-madum li l-attur xtara minghand il-konvenut la hu tal-kwalita' pattwita u di piu' ghandu difetti li ma kienux jidhru meta sar il-bejgh ;

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jirrifondi lura l-flus kollha li rcieva skond l-imsemmi kuntratt u jiehu lura l-madum kollu ;

3. Tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli tad-danni kollha konnessi mat-twahhil tal-imsemmi madum, inkluz dawk tal-'*polish'*, spejjes sabiex jerga' jinqala' u danni ohra konsegwenzjali bhal hsara fl-'iskirting' etc;

4. Tillikwida l-ammont ta' danni hekk sofferti mill-attur ;

5. Tikkundanna lill-konvnut nomine jhallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bir-riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-mittenti. "

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa mac-citazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nominee presentata fl-<u>10 ta'</u> <u>Gunju 1993</u> li tghid hekk:-

" Illi preliminarjament ma jezisiti ebda direttur bl-isem ta' Francesco Fenech li jirraprezenta lis-socjeta' konvenuta u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess, il-kuntratt finalizzat bejn il-partijiet kien ta' bejgh ta' madum li gie accettat mill-attur f'kondizzzjoni tajba kif jirrizulta mill-firma tieghu fuq id-*delivery order*.

Illi l-madum konsenjat kien dak maghzul u ordnat mill-attur mill-kampjun esibit fis-showroom tal-eccipjent u ghalhekkil-konsenja kienet skond il-ftehim.

Illi minghajr pregudizzju tal-ewwel zewg eccezzjonijiet l-azzjoni attrici kif ibbazata fuq l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili hija preskritta ghat-tenur tal-Artikolu 1431 tal-istess Kodici.

Illi l-kawzali enumerata bin-numru (2) hija nsostenibbli peress li l-attur naqas li jindika x'inhuwa l-ammont ta' flus li qieghed jirreklama meta fil-fatt huwa jinsab fl-ahjar posizzjoni li jkun jaf dan u f'obbligu li jindikah fit-talba *stante* li qieghed jitlob kanonizzazzjoni tal-istess kreditu.

Illi t-twahhil tal-madum ma sarx mill-eccipjent izda minn nies imqabbda mill-attur u ghalhekk jekk ikkagunaw xi danni dawn ma ghandux isofrihom l-eccipjent.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess muwiex legalment koncepibbli illi wiehed jitlob il-kundanna ta' responsabilita' ghall-hlas ta' danni bl-uzu tal-kelma "etc" kif hemm fit-tielet talba tal-attur.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ecccezzjonijiet fuq sollevati l-attur ma jistax jitlob rifuzjoni tal-prezz tal-madum mibjugh minghajr ma jitlob rexxissjoni tal-kuntratt u ghalhekk anke f'dan ir-rigward it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. "

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut nomine u d-dokument hemm minnu esebit.

**Rat** li fl-udjenza tal-kawza tad-19 ta' Ottubru 1993 (fol. 17) din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni ta' isem il-konvenut li minn "Francesco" sar "Anthony" b'dan illi l-konvenut kien esentat milli jipprezenta mill-gdid l-eccezzjonijiet.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Dicembru 1993 (fol. 19) fejn il-partijiet qablu li r-relazzjoni bejniethom kienet wahda ta' bejgh ta' madum u talbu li jsiru provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Rat** is-sentenza tal-11 ta' April 1995 (fol. 56 - fol. 58) fejn din il-Qorti diversament presjeduta cahdet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut noe u cioe' dik tal-preskrizzjoni u ddifferiet il-kawza ghall-provi tal-attur. Il-konvenut nomine appella.

**Rat** li permezz ta' sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 1999 (fol. 96 – fol. 102) il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell u baghtet lura l-atti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta sabiex ikompli l-gbir tal-provi fuq il-bqija tal-mertu bil-kap tal-ispejjes relattiv jibqa' a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**Rat** li permezz ta' digriet moghti fil-15 ta' Novembru 1999 (fol. 105) din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill AIC Joseph Ellul Vincenti bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut noe.

**Rat** li l-espert tekniku ppresenta r-relazzjoni (u l-inkartament relatat mal-inkariku tieghu) fis-6 ta' Ottubru 2001 u halef ir-relazzjoni fit-30 ta' Jannar 2002 (fol. 116 et seq).

**Rat** li fil-5 ta' Frar 2002 (fol. 196) il-konvenut noe talab il-hatra ta' periti addizzjonali.

**Rat** id-digriet tad-29 ta' April 2002 (fol. 197) fejn din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-AIC Frederick Doublet, AIC David Pace u Av. Charmaine Zammit bhala periti addizzjonali.

**Rat** id-digriet tal-25 ta’ Frar 2004 (fol. 202) fejn din il-Qorti diversament presjeduta ssostitwiet lill-AIC David Pace (fuq talba tieghu – fol. 203) bhala perit addizzjonali bl-AIC Valerio Schembri bl-istess inkariku tal-periti addizzjonali l-ohra.

**Rat** in-nota ta’ sottomissjonijiet li l-konvenut noe ressaq ghall-konsiderazzjoni tal-perit addizzjonali fit-3 ta’ Novembru 2004 (fol. 209 et seq) u dik tal-attur tal-10 ta’ Jannar 2005 (fol. 212 et seq).

**Rat** li l-periti addizzjonali ppresentaw r-relazzjoni fl-14 ta’ Ottubru 2008 li kienet konfermata minnhom bil-gurament quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta’ Jannar 2009 (fol. 241 et seq).

**Semghet** it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li saret fl-udjenza tat-23 ta’ April 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

**Gharblet** bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tat-23 ta’ April 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat –**

Fir-relazzjoni tieghu (fol. 116 et seq), il-Perit Joseph Ellul Vincenti fil-qosor qal hekk –

1) L-attur ghamel kuntratt mas-socjeta’ konvenuta ghall-fornitura ta’ madum Bianco 308 ghas-sular ta’ isfel u ta’ fuq tad-dar tieghu. Wara li l-madum tqieghed minn persuna li nkarika l-attur, il-madum l-ewwel beda jintefah u wara beda jfaqqa tant li bicca sewwa mill-wicc tat-*tile* inqalghet u bdiet thalli l-vojt fil-maduma.

2) Id-difett baqa’ jikber u jizdied maz-zmien tant li l-attur kellu jaqla’ dak il-madum u qieghed ceramika minflok. Hekk irrizulta mix-xhieda ta’ l-attur kif korraborat mill-Perit Lawrence Mintoff.

3) L-attur iddispona mill-madum izda zamm ftit minnu li kien ezaminat mill-perit gudizzjarju. Waqt l-access ma kienx f'qaghda li "*de visu*" jistabilixxi l-entita' tal-hsara, kemm ghal dik li hija kwantita' ta' madum kif ukoll bhala numru ta' kmamar. Ghalhekk kellu joqghod fuq ix-xhieda ta' l-attur u tal-Perit Lawrence Mintoff li kkonfermaw li d-difett fil-madum in kwistjoni kien fiz-zewg sulari tad-dar kollha u l-ebda parti minnu ma kienet salvabbli.

4) Il-konvenut Anthony Fenech, u qablu l-*General Manager*, u l-*foreman* tas-socjeta' konvenuta raw il-madum. Tal-ewwel ikkonferma li huwa ra xi rham *chippings* daqs ta' ghaxar centezmi xpakkati fin-nofs waqt li tal-ahhar sostna li ra ftit zrar ikkrakkjat fil-wicc tal-maduma.

5) Il-perit gudizzjarju jghid li rrizulta li kien hemm hsara u difetti serji fil-madum. Id-difetti ma gewx kontestati mill-konvenut noe.

6) Madum ta' kwalita' differenti li l-attur kien xtara fl-istess zmien minghand is-socjeta' konvenuta u li tqieghed f'ambjenti ohra tad-dar mill-istess tiler li qieghed il-madum in kwistjoni ma gralu xejn.

7) Il-perit gudizzjarju eskluda li d-difett kien dovut ghat-tqeghid inkella x-xahx ta' taht, jew l-ambjent tal-post, izda kien difett inerenti fil-maduma probabilment fl-hekk maghruf bhala l-mastik (il-wicc) li huwa kompost minn zrar tal-irham u cement abjad.

8) Il-perit gudizzjarju kkonferma li d-difett ma kienx jidher meta saret il-konsenja lill-attur.

9) Il-prezz tal-madum kien ta' Lm 723 waqt li l-istima ta' l-ispejjes tat-tqeghid ta' dak il-madum, tat-tnehhija tieghu u xoghol iehor relatat (DOK JEV2 – fol. 140) fl-ammont ta' Lm 743.

**Ikkunsidrat –**

Fir-relazzjoni taghhom (fol. 242 et seq), il-periti addizzjonali fil-qosor ghamlu dawn l-osservazzjonijiet –

I. Konsiderazzjonijiet teknici

1) Ma rrizultax li l-madum konsenjat ma kienx tal-kwalita' patwita. Ma setghux jikkonkludu jekk il-madum konsenjat kienx jaqbel mal-kampjun li l-attur ra fis-*showroom* tal-konvenut ghaliex provi f'dan is-sens ma rrizultawx.

2) Irrizulta li l-madum kien affett minn difett intrinsiku li ma kienx jidher mal-konsenja. Mill-provi rrizulta li d-difetti hargu wara li tqieghed il-madum. Id-difetti ma kienux imputabbli ghall-mod kif sar it-tqieghed jew ghal xi kundizzjoni specjali jew mhux tas-soltu li ghalih seta' kien soggett il-madum fil-post.

3) Id-disgwid bejn il-partijiet ma kienx daqstant l-esistenza tad-difetti izda l-gravita' jew l-entita' tal-hsara li dak id-difett ikkaguna.

4) Il-periti addizzjonali ma' qablux mal-ewwel perit gudizzjarju dwar il-bazi li fuqha wasal biex jikkonkludi li l-entita' tal-hsara kienet kif spjegaha l-attur. Wara kollox kien l-attur li ddistrugga l-ahjar prova meta ghar-ragunijiet tieghu qala' l-madum u bidlu b'ceramika.

5) Ma jaccettawx li kellha ssir likwidazzjoni ta' danni ghalkemm il-konteggi *ut sic* tal-perit gudizzjarju kienu korretti.

II. Konsiderazzjonijiet legali

A. Kwalita' Patwita

Kif ikkonfermaw il-periti teknici (kemm l-ewwel perit kif ukoll dawk addizzjonali) ma rrizultatx il-prova li l-madum li forniet is-socjeta' konvenuta lill-attur kienet b'xi mod difformi fit-tip jew fl-ispecje jew fil-fattizzi ohra minn dak li l-attur ra u ried jixtri. Ghalhekk l-azzjoni tal-attur skond l-Art.1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tirnexxi.

B. Difett Mohbi

1) Accertat il-fatt li l-madum kien affett minn difett mohbi li rrizulta wara li kien tqieghed fil-post, il-kwistjoni li l-attur iddispona mill-madum difettuz minghajr ma kien awtorizzat u bla ma effettwa depositu taht l-awtorita’ tal-Qorti taffettwa serjament it-tieni talba attici. Inoltre bil-fatt li baqa’ jzomm il-madum wara li skopra d-difetti, huwa tilef kull rimedju li seta’ kellu kontra l-konvenut noe. Ir-radd tal-haga difettuza lill-venditur huwa rekwizit krucjali tal-azzjoni redibitorja ghad-differenza tal-azzjoni estimatorja.

2) Dwar it-talba ghad-danni, ma rrizultax li l-konvenut noe kien jaf bid-difett mohbi meta effettwa l-bejgh favur l-attur.

**Ikkunsidrat –**

Wara li qieset is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet u n-nota ta’ referenzi taghhom, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet –

1) Fl-ewwel talba, l-attur jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-madum li xtara minghand il-konvenut noe ma kienx tal-kwalita’ patwita u li kien affett minn difett mohbi. Kif dedotti, iz-zewg pretensjonijiet huma alternattivi, ghalkemm ‘stranament’ mil-lat ta’ procedura, ingabru f’talba wahda. Il-prova ta’ kull pretensjoni tispetta lill-attur.

2) Din il-Qorti taqbel mal-periti taghha li l-pretensjoni tal-attur li l-madum konsenjat ma kienx tal-kwalita’ patwita ma tirrizultax ghaliex meta s-socjeta’ konvenuta effettwat il-konsenja, din kienet accettata mill-attur minghajr rizervi. Huwa ghalhekk evidenti illi kieku l-madum li rcieva in konsenja ma kienx l-istess bhal dak tal-kampjun li fuqu xtara, l-attur kien certament jirrifjuta l-konsenja, mhux jaghti struzzjonijiet biex il-madum jitqieghed fil-post. Ir-riferenza li saret mill-perit legali addizzjonali u mill-konvenut noe ghall-gurisprudenza dwar bejgh ta’ oggett mhux tal-kwalita’ patwita hija korretta pero’ din il-Qorti ma tarax li hemm ghalfejn tiddilunga f’analizi ulterjuri ladarba

fattwalment irrizulta li dan ma kienx kaz fejn saret konsenja mhux tal-kwalita' patwita.

3) Din il-Qorti tghid li l-vertenza trid tkun inkwadrata u deciza fl-ambitu tal-garanzija li jrid jaghti l-bejjiegh ghal difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha.

4) Skond **l-Art.1424 tal-Kap.16** *il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom.* Jekk ix-xerrej ikun tal-fehma u jkun f'qaghda li jipprova li l-kaz tieghu jinkwadra ruhu f'dak li jipprovdi l-Art.1424, allura ghandu l-ghazla ta' zewg rimedji alternattivi ghal xulxin li jinsabu nkorporati fl-**Art.1427 tal-Kap.16** – jew igib 'il quddiem l-*actio redhibitoria* fejn *jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz*, inkella l-*actio aestimatoria* fejn *izomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.* Fil-kaz in esami l-ghazla tal-attur marret ghall-*actio redhibitoria*.

5) Fil-kawza riportata fil-**Vol.XXIV.I.981** jinghad hekk –

*Perche' I vizii siano redibitori e quindi produttivi dell'analoga azione, e' necessario che tali vizi siano di una certa gravita' la cui misura e' determinata dalla legge su due criteri, l'uno obiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all'uso e' destinata, oppure nella diminuzione di tale uso ; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o al meno l'avrebbe acquistata a prezzo minore.*

(Ara wkoll kawzi riportati **Vol. XVIII.III.26 ; XXI.I.116 u 399 ; XXII.II.75 ; XXVII.I.909 ; XXVIII.II.1254 ; XXIX.I.591 ; XXXI.I.538 ; XXXIII.II.371 ; XXXII.I.19 u 163 ; XLII.II.855 u XLIII.I.317 u 545**)

6) Fil-kaz in esami, l-attur aggrava inutilment l-kompitu tal-periti teknici meta wara li hareg id-difett fil-madum dan mhux biss qala' l-madum izda ddispona minnu u zamm

biss xi *samples* minnu u kienu dawk is-*samples* li kienu ezaminati mill-periti teknici. Din il-Qorti tghid mill-ewwel li dan il-*modus operandi* tal-attur huwa censurabbli mhux biss ghaliex lilu jispetta l-obbligu li jressaq l-ahjar prova izda l-aktar ghaliex bid-decizjoni li ha se jkun ippregudika l-posizzjoni tieghu kif se jirrizulta aktar ‘il quddiem.

7) Irrizulta li l-madum kien affett minn difett mohbi u cioe’ li ma kienx jidher fil-mument tal-konsenja u li dak id-difett hareg wara li l-madum tqieghed fil-post. Id-diversita’ ta’ opinjoni bejn l-ewwel perit tekniku u z-zewg periti teknici addizzjonali kienet il-prova tal-gravita’ tad-difett aktar milli d-difett *ut sic*. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm il-konvenut noe accetta li l-madum kien difettuz u ddeskriva x’kien id-difett, l-attur fisser l-gravita’ tieghu u kif kien mifrux ma’ bicca sewwa tal-ambjenti fejn tqieghed. Fix-xhieda tieghu, huwa kien <u>sostanzjalment</u> korraborat mill-perit tieghu. Fl-assenza tal-ahjar prova, il-Qorti tista’ toqghod fuq prova ta’ grad inqas purche’ dik il-prova tkun korraborata tajjeb minn fatti u cirkostanzi ohra. Din il-Qorti qeghda taccetta li d-difett kien ta’ certa gravita’ *relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha* (<u>**Vol.XLIII.I.327 – “Scicluna vs Azzopardi” – 22 ta’ Gunju 1959**</u>) ghax din il-prova tirrizulta fuq bilanc ta’ probabilitajiet. *Del resto* hadd munit bil-bwon sens ma jaqbad u jaqla’ madum gdid li jkun twahhal go post gdid ghal gost jew ghax rega’ bdielu jew ghax ghogbu aktar ic-ceramika, jekk mhux ghaliex dak il-madum kien affett minn difett mifrux u gravi.

8) Ghalhekk din il-Qorti se tilqa’ l-ewwel talba limitatament fejn din tirrigwarda d-difett mohbi u tirrespingi l-pretensjoni tal-kwalita’ mhux kif patwita.

9) Il-kwistjoni spinuza hija t-tieni talba. Din il-Qorti diga’ rrilevat li skond l-<u>Art.1427 tal-Kap.16</u> biex tirnexxi l-*actio redhibitoria,* ix-xerrej irid *<u>jaghti lura l-haga</u> u jitlob ir-radd tal-prezz*. Kien l-attur li unilateralment iddecieda li jiddisponi mill-madum hlief ghal xi ftit minnu. Ir-raguni li ressaq l-attur permezz tad-difensur tieghu fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali kienet testwalment din –

*Qalghu l-madum biex ipoggi iehor kieku ghadu sal-lum jistenna biex jidhol fid-dar tieghu. Ghaliex ? Ghaliex ahna ghandna wkoll obbligu u hemm sentenzi f'dan is-sens, ahna ghandna wkoll obbligu li kemm jista' jkun nimminimizzaw id-danni ghall-parti l-ohra. Allura x'naghmlu ahna ghall-fatt illi hemm il-madum qieghed jinqala' u mbuzzat kollu, immorru nikru x'imkien u nistennew il-kawza sakemm nidhlu fid-dar taghna bil-madum sura jew naqilghu il-madum illi hemm, inzommu, ghax ahna zammejnieh il-madum biex nuru x'difetti kien hemm u nidhlu nghixu go fiha d-dar ? Ahna hassejna illi dik it-tieni alternattiva kienet aqwa u anke legalment tikkonfortana ghax kieku ahna m'ghamilniex hekk imbaghad gejna hawnhekk u nitolbu ghad-danni talli ahna nsibu post alternattiv, allura l-Qorti kienet ticcensurana u ma kenitx tilqaghalna t-talba, u kienet taghmel sew ghax ahna konna nkunu ma ottemperajniex mal-ligi illi titlobna biex nippruvaw nimminimizzaw id-danni.*

10) Din is-sottomissjoni tal-attur timmerita analizi akkurata ghax hija fondata fuq konsiderazzjonijiet fattwalment u legalment inkorretti –

a) Il-fatt li kellu certa urgenza biex jidhol fid-dar ma jaghtix lill-attur id-dritt li jwarrab fil-genb dak li l-ligi kienet tipprefigi bhala rimedju ghall-kaz tieghu.

b) Abbazi tal-provi akkwiziti, ir-referenza li saret mill-attur ghall-obbligu tieghu tal-mitigazzjoni tad-danni kienet kollha inutili. Il-gurisprudenza li ccita fin-nota ta' riferenzi tieghu kienet fil-bicca l-kbira derivanti mill-kamp tal-*culpa aquiliana*. Il-kaz odjern huwa ghal kollox differenti ghaliex si tratta hawn ta' kuntratt ta' bejgh u l-unika cirkostanza taht dan il-kap fejn hija ammessa azzjoni ghal danni favur ix-xerrej hija s-sitwazzjoni li tirrizulta fl-**<u>Art.1429 tal-Kap.16</u>**. Fis-subartikolu (1) jinghad hekk – *Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss irodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas <u>id-danni</u> lix-xerrej.* Fis-subartikolu (2) jinghad hekk – *Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga, hu obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej <u>l-ispejjez</u> li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh.* Kif tajjeb kien osservat fir-relazzjoni

tal-perit addizzjonali, mill-atti ma rrizultat b'ebda mod il-prova li l-konvenut noe kien jaf bid-difetti fil-madum, ghalhekk l-attur ma ghandux azzjoni ghal danni kontra l-konvenut noe. *Una volta* azzjoni ghal danni ma hemmx, wiehed ma jistax jittratta l-materja tal-mitigazzjoni ta' dawk id-danni. Dwar is-subartikolu (2) din il-Qorti tghid li l-attur ma ressaq ebda prova ta' spejjes (ghad-differenza ta' danni) relatati mal-bejgh. L-ispejjes elenkati fid-DOK JEV 2 mhumiex *spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh* izda *danni* li mhumiex dovuti skont il-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet ghandhom jigu michuda.

c) L-attur ighid li zamm il-madum biex juri x'difetti kien fih. Dan assolutament ma rrizultax li huwa l-kaz. Zamm biss ftit minnu u ddispona mill-bqija. Kieku dak kollu li zamm kien tabilhaqq dak kollu difettuz allura ma kien ikun hemm qatt il-prova certa tal-gravita' ghall-fini tal-*actio redibitoria.* Din il-Qorti tghid li l-attur ippregudika l-posizzjoni tieghu ghall-fini tat-tieni talba meta ddispona mill-madum ghax mhux se jkun f'qaghda li joqghod ma' dak li jipprovdi l-Art.1427 tal-Kap.16. Ma jistax llum jaghti lura l-haga u fl-istess waqt jitlob ir-radd tal-prezz. Kif tajjeb oservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha moghtija fis-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet **"Busietta noe vs Borg Cardona et noe"** il-ligi tipprovdi l-mezzi procedurali kif ix-xerrej jista' jibqa' jzomm l-oggett f'idejh u jroddu biss lill-venditur meta dan ihallas il-prezz tal-bejgh. Fost dawn il-mezzi procedurali, kien hemm id-depositu tal-madum bl-apposita cedola taht l-awtorita' tal-Qorti kif sostniet gustament il-perit legali addizzjonali.

d) L-attur ipprova jargomenta li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma kienx hemm l-obbligu da parti tieghu li jrodd lura l-oggett sabiex jiehu lura l-prezz. U ccita favur tieghu is-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-1 ta' Gunju 1993 fil-kawza **"Farrugia vs Camilleri et noe"** (Vol.LXXVII.II.198). Din il-Qorti tghid li l-attur ma jistax isib konfort f'dik is-sentenza fl-ewwel lok ghax dak kien kaz fejn l-irham mibjugh kien soggett ta' appalt ghaliex il-venditur dahal ghat-tqeghid (kuntrarjament ghall-kaz in esami). Fit-tieni lok, u dan huwa vitali ghall-kaz, ghaliex l-

irham baqa’ mwahhal u l-perit tekniku sab li *kieku kellu jinqala’ l-irham in kwistjoni l-attur ikollu johrog somma flus ferm iktar milli hareg biex jiksi t-tarag bl-irham peress li x-xoghol ghola sostanzjalment*. L-attur ipprova jghid li l-madum difettuz sar parti mill-immobbli (bhall-kanen tal-ilma jew iz-zebgha li tghatti l-hitan). Ghalhekk m’hemmx ghalfejn jitnehha sabiex jaghti dritt lix-xerrej li jiehu lura l-prezz. Fil-kaz in esami, izda mhux hekk gara. L-attur nehha l-madum u flok zammu u kkawtela l-posizzjoni tieghu bil-mezzi disponibbli ghalih skond il-ligi (kif kien messu ghamel) iddispona minnu. U hemm zbalja. U minhabba f’hekk ma jistax jinvoka l-operat tal-Art.1427 tal-Kap.16. Is-sentenza fil-kawza citata mill-attur **“Cauchi vs Baldacchino”** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Ottubru 1997 titkellem dwar kazi eccezzjonali fejn ma jkunx jista’ jsir ma jistax isir ir-ritorn tal-haga mibjugha. Dan mhux kaz eccezzjonali propju ghaliex l-attur iddispona mill-madum li huwa stess kien nehha.

11) Lanqas ma jista’ l-attur jinvoka l-protezzjoni tal-**Art.1430 tal-Kap.16** ghax fil-kaz odjern ma rrizultax li l-haga difettuza spiccat minhabba d-difetti taghha lanqas li spiccat b’accident.

12) It-tieni talba trid tkun respinta.

13) Fl-ahhar nett, b’riferenza ghall-ahhar eccezzjoni tal-konvenut noe, din il-Qorti tghid li sabiex l-attur jittenta l-azzjoni tieghu ma kienx obbligat jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt. Il-ligi tghid liema huma l-kazi fejn rexxissjoni hija tassattiva. Din tal-kaz in esami mhix wahda minnhom.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenut noe kif gej –**

**1) Tilqa’ l-ewwel talba attrici limitatament fis-sens li tiddikjara li l-madum mertu tal-bejgh in kwistjoni kien affett minn difetti mohbija, izda tiddikjara wkoll li l-madum in kwistjoni kien tal-kwalita’ patwita.**

**2) <u>Tichad</u> it-tieni talba attrici stante li l-attur ma jistax irodd lill-konvenut noe l-madum konsenjat sabiex jiehu lura l-prezz li hallas.**

**3) <u>Tichad</u> it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici ghax huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**4) <u>Tordna</u> li l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu intierament mill-konvenut noe *in vista* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 fuq riferita, kif ukoll *in vista* tac-cirkostanzi partikolari kif svolgew f'dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------